MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 6/2014

**Publius Azzopardi**

**vs**

**Kunsill Lokali Gzira u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**(Trasport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fir-Registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti:

(1) Jigu dikjarati unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar it-12 ta' Mejju 2012 (**Vide Dok. PA1)** meta r-rikorrenti filwaqt li kien qieghed isuq il-mutur proprjeta' tieghu tat-tip *Honda Thousand F* bin-numru ta' registrazzjoni "CBR-097" fi Triq ix-Xatt, Gzira fid-direzzjoni lejn Msida, kien involut f'indicent fejn il-mutur sudett garrab hsarat konsiderevoli (**Vide Dok PA2**) konsegwenza unika tal-istat hazin li fih tinsab l-imsemmija Triq u dana peress illi dan l-incident sehh unikament minhabba ragunijiet imputabbli lilhom jew min minnhom minhabba tort, negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tal-ligijiet relattivi da parti taghhom jew min minnhom inkluz l-obbligu li jzommu t-toroq tal-lokalita' in kwistjoni f'kull hin fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, idoneja ghas-sewqan, imdawwla bizzejjed sabiex il-hajja u s-sigurta' tas-sewwieqa ma tigix perikolata u jkun hemm dawk is-sinjali, marki u zebgha mehtiega fit-triq; u

(2) Konsegwentament jigu kkundannati jhallsu lill-attur dik is-somma, li ghandha talvolta tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti somma dovuta lill-attur in linea ta' danni minnu sofferti kagun tal-incident sudett;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Gunju, 2012 (**Dok. PA3**) u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2012 (**Dok. PA4**) u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati jew min minnhom, li qeghdin jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Peress illi l-intimati ghalkemm debitament interpellati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti baqghu inadempjenti, ghaldaqstant kellha

ssir il-kawza odjerna. Jigi dikjarat illi l-ammont mitlub ma jeccedix il-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ossia qed tintalab is-somma ta’ tmint elef ewro (€8,000) (Dok. PA2).

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta pprezentata nhar il-11 ta’ Frar 2014 fejn eccepiet:

1. *“Illi d-domandi attrici huma infondati kemm fil-fatt kemm fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.*
2. *Illi sussidjarmaent u bla pregudizzju ghall-premess, it-triq fejn sehh l-akkadut in kwistjoni u cioe’ Triq Xatt Gzira ma taqghax taht ir-responsabilita’ ta’ l-Awtorita intimate peress illi din it-triq ma tikkwalifikax bhala triq arterjali jew distributorja. Dan il-fatt gja gie indikat lill-attur permezz ta’ ittra legali tal-20 ta’ Gunju 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.*
3. *Illi sussidjarament u bla pregudizzju ghal premess kull sewwieq ghandu obbligu li jsuq bil-galbu u b’mod kawt u diligent kemm konformi mar-regolamenti tat-traffiku izda mhux inqas skond kif tippermetti it-triq in kwistjoni. Jekk ghall-argument il-kondizzjoni tat-triq intrinsikament tiddetta mod ta’ sewqan allura sta lill-attur (u kull sewwieq iehor) li jaddatta s-sewqan tieghu skond il-kaz. Ghalhekk billi l-istess attur kien negligenti fis-sewqan tieghu it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.*
4. *Illi sussidjarament u bla pregudizju ghall-premess l-ammont pretiz qed jigi kontestat.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*”

Rat ir-risposta tal-konvenut Kunsill Lokali Gzira pprezentata nhar l-24 ta' Frar 2014 fejn eccepixxa:

*"It-talbiet tal-attur huma inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ai termini tal-Artikolu 27 tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni odjerna kellha tigi istitwita kontra s-sindku u s-segretarju ezekuttiv tal-Kunsill konvenut bhala rapprezentanti legali u guridici tal-istess.*
2. *Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminary, trattasi hawnhekk ta' hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi l-vetturi (ai termini tal-Artikolu 15 (11) u tas-sub paragrafu (b) tal-paragrafu 1.2 tar-raba' skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta), din l-Onorabbi Qorti, ai termini tal-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi l-vertenza odjerna.*
3. *Fit-tielet lok, fil-mertu, l-istanti ma huwiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-attur; l-istess danni huma fil-fatt attribwibbli lill-attur stess u lill-Awtorita' intimata jew min minnhom dan anke izda mhux biss kunsderat id-dispost tal-Artikolu 33(2) tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 7(b) tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.*
4. *Fir-raba' lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur jehtieglu jipprova d-danni minnu allegatament subiti. L-attur jehtieglu ukoll jiddeciedi huwiex qieghed jitlob likwidazzjoni tal-allegati danni jew inkella s-somma ta' Eur 8,000 rapprezentanti l-istess, li hu evidentement eccessiv.*
5. *Fil-hames lok, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi u jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'rizera ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-eccipjenti".*

Semghet lill-partijiet jittrattaw it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat Kunsill Lokali u dan fis-seduta ta' l-14 ta' April 2014 fejn sahansitra il-Qorti giet mitluba sabiex taghti sentenza preliminari dwar dak sollevat minnu.

Illi ghalhekk din is-sentenza sejra tinghata biss u limitatament dwar it-tieni eccezzjoni sollevata mil-Kunsill Lokali Gzira u cioe' jekk din il-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawza jew jekk din l-istess kawza kellhiex tigi intavolata quddiem ic-Centru ta' l-Arbitragg ai termini ta' l-artikolu 15 (11) u tas-sub paragrafu (b) tal-paragrafu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet lill-avukat difensur tal-attur jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u jghid li fil-fehma tieghu dan mhux kaz li ghandu jigi deciz mic-Centru ta' l-Arbitragg kuntrarjament ghal dak li esprima l-avukat difensur ta' l-intimat Kunsill Lokali Gzira li jghid li hemm zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar dan il-punt liema sentenzi jghid li huma konflingenti u li ghalhekk xtaq stranament direzzjoni minn din il-Qorti inferjuri.

Illi l-konvenut Kunsill Lokali Gzira qed jippretendi li l-attur qatt ma messu fetah din il-kawza quddiem din il-Qorti u dan ghaliex, permezz tal-Avviz Legali Numru 420 tas-sena 2004, il-legislatur ried, li dawn it-tip ta' kawzi jigu decizi minn Arbitru.

L-attur invece jsostni li l-Arbitragg Mandatarju m'ghandux japplika ghall-kaz in ezami u qal li l-fatti specie tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom skond id-dispozizzjoni tal-ligi dwar arbitagg mandatarju.

Il-Qorti hija konxja mis-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '**Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef'**, deciza fil-25 ta' Mejju 2012, fejn gie ritenut li din il-ligi ta' Artbitragg Mandatarju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kapitolu 387 (Att dwar l-Arbitragg) imur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' nonostante li nghatat din is-sentenza, il-ligi baqghet l-istess u ghadha in vigore u ghalhekk il-gudikant ghandu biss id-dover jaghmel referenza ghaliha.

Illi il-fatti fil-qosor li japplikaw ghall-kaz in ezami kif naxxenti mir-rikors promotur u mhux kontestati fl-eccezzjonijiet ta' l-intimati huma is-segwenti:

1. Illi fit-12 ta' Mejju 2012 l-attur kien qed isuq mutur proprjeta' tieghu tat-tip Honda Thousand F bin-numru ta' Registrazzjoni CBR-097 fi Triq ix-Xatt Gzira fid-direzzjoni lejn l-Msida.
2. Illi f'hin minnhom l-attur kien involut f'incident fejn il-mutur sudett garrab hsarat konsiderevoli.

3. Illi l-attur isostni li dan sehh minhabba l-istat hazin li fih tinsab l-imsemmija triq.
4. Illi ghalhekk huwa ipproceda kontra l-konvenuti sabiex il-Qorti tiddeciedi min hu responsabbli ghal dan l-incident sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnu.
5. Fil-mertu waqt li l-attur isostni li huma l-konvenuti li huma responsabbli ghal dan l-incident, il-konvenuti apparti l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari u legali, isostnu li t-tort huwa tal-attur ghaliex kien negligenti u apparti dan l-ammont mitlub huwa esagerat.

Illi ghalhekk f'din is-sentenza l-Qorti giet mitluba sabiex tiddeciedi jekk ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tisma' din il-kawza jew ghandhiex tibghat l-atti lic-Centru ta' l-Arbitragg sabiex il-kawza tinstema'f'dik il-fora.

Illi t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut hi li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna u dan ghaliex skont l-artikolu 15 (11) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta kull tilwima illi torigina minn kollizzjoni ta' vettura u l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba' u tmenin centezmu (€11,646.87) hija soggetta ghal arbitragg mandatorju.

Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 387 li fl-Artikolu 15 jirreferi ghar-Raba' Skeda u senjatament ghall-paragrafu 1.2 (b) li dwar "*Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*" li jindika bhala suggetti ghall-tali kompetenza "*Kull tilwima civili jew kummercjali li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*(a) kollizzjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi, jew.....*

*(c) omissis, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u tmenin centezmu (11,646.87*)".

Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta' li tikkonsisti f'vettura u hija konsegwenza ta' kollizzjoni bejn vetturi jew ta' hsara li qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament, mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 u dan stante li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara kkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizzjoni bejn tnejn jew aktar, li huwa kopert bl-artikolu 1. 2 (a) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387, izda wkoll ghall-hsara fil-proprjeta' li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-Artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.

Illi kif inghad fid-decizjoni "**Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri**" (A.I.C. (RCP) – 19 ta' April 2012) "*ghal din il-Qorti l-kliem stess tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn li tirreferi ghal xi att iehor hlief il-ligi stess u la darba l-kliem stess huwa car, mela allura ghandha tittiehed fis-sinifikat naturali taghha ut sic u xejn izjed. Ma hemmx dubju li fl-imsemmi artikolu 1. 2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 ma hemmx riferenza ghal kollizzjoni bejn zewg vetturi (kif hemm fl-artikolu 1. 2 (a), u kull ma jirreferi l-imsemmi artikolu huwa li bizzejjed ikun hemm hsara fi proprjeta' li tikkonsisti f'vettura – l-element ta' kollizzjoni bejn vetturi mhux rikjest f'dan is-subartikolu, u ghalhekk hemm distinzjoni bejn l-artikolu 1.2. (a) u (b) tal-imsemmija Skeda*".

Illi f'dan il-kuntest, dejjem bir-rispett dovut, din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha l-Avukat Dottor Theresa Comodini sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Avukat Dottor Theresa Comodini vs Gevimida Limited**" (A.I.C. (PS) – 23 ta'Ottubru 2009). Din ma hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni stretta o meno tal-Ligi, izda hija interpretazzjoni ta' dak li tghid il-ligi b'mod car peress li l-kliem uzat huwa skjett fih innifsu u ghandu t-tifsira naturali tieghu, u allura kemm jinqara u dak li jfisser jigi applikat. Hekk allura fl-imsemmi subartikolu ma hemm ebda rekwizit li sabiex hsara fil-vettura taqa' taht ir-regim ta' arbitragg mandatarju hemm bzonn li jkun hemm kollizzjoni jew involviment ta' zewg vetturi, b'dan li l-hsara kkawzata fil-vettura tkun rizultat ta' impatt ma' vettura ohra izda jista jaghti il-kz li l-hsara tigi kawzata minn sors iehor bhall-kaz in ezami. Dan qed jinghad ghaliex l-artikolu 1.2. (b) tal-imsemmija Skeda mkien ma jsemmi dan u allura dan lanqas biss kellu b'xi mod jigi kkonsidrat jew koncepit. Dan huwa konsistenti ma' dak li gie deciz mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet "**Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine vs Mario Borg et**" (TTZ – (ISB) – 9 ta' Lulju 2008 li b'mod telegrafiku spjega s-sitwazzjoni hekk:

*"Min-naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizzjoni bejn vetturi (1.2.a) u min-naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero' tinvolvi vetturi (1.2. b) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet. F'dan il-kaz gurisdizzjoni ta' l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwaliasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg*.

*Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix hsara fuq il-persuna u taqa' fil-limitu ta' ewro 11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg*".

Illi fil-kuntest ta' dak hawn premess, din il-Qorti thoss li la darba l-pendenza odjerna hija dwar danni naxxenti minn hsara involontarja fuq vettura kawzati allegatament minhabba stat hazin ta triq, allura din taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 387 fuq riportati.

Jinghad li tali procedimenti ta' indoli koercitiva ghandha tinghata interpretazzjoni ristrettissima, u dan ghaliex l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni. Din il-Qorti ma tistax tinjora il-volonta' superjuri tal-Poter Legislattiv kif espress bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess. Sakemm tibqa' in vigore tali ligi, il-Qorti hija marbuta li tapplikaha.

**Illi ghalhekk, in vista tal-premess, din il-Qorti tasal sabiex takkolji t-tieni eccezzjoni tal-intimat Kunsill Lokali Gzira u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza stante li m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tkompli tisma il-kaz hi.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tal-attur.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------